MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 4/2004

**Saviour Cremona.**

**vs.**

**Kummissjoni Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-kjamat in kawza**
**Joseph Farrugia**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Saviour Cremona datat 16 ta’ Gunju 2004 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Gunju 2004 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dokument “A”.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u qed jinterponi umili appell minnha ghal quddiem din l-Qorti tal-Appell kompetenti,

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-ewwel Onorabbli Bord iddecieda l-kwistjoni billi ddikjara l-appell interpost mill-appellant mill-permess mahrug billi huwa ma kienx ghamel l-oggezzjoni tieghu ghal hrug ta' dan il-permess fit-terminu stipulat fil-ligi. Il-fatti huma pacifici u ma hemm l-ebda kwistjoni dwarhom, billi l-appellant jaqbel li huwa ma ghamilx l-oggezzjoni fit-terminu stabbilit mill-ligi mid-data tal-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali ta’ l-avviz ta’ l-applikazzjoni ghal permess. L-aggravji ta’ l-appellant huma ta' natura prettament legali. Huwa jippretendi li ladarba l-ligi tistabbilixxi l-modalitajiet shah tal-pubblikazzjoni huwa ma jistax jigi penalizzat ladarba jirrizulta li dik il-modalita` ma gietx korrettament segwieta. Huwa minnu li l-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali hija data certa imma din ghandha l-isvantagg ghal min ikun irid joggezzjona li facilment ma jittendhix biha jekk min huwa ma jkunx jaqra dik il-gazzetta u *inoltre* hija kompletament deskrizzjonali ghaliex ma hemm l-ebda certezza f’liema gazzetta dik il-pubblikazzjoni tista’ issir. Minn banda l-ohra l-affissjoni ta’ l-avviz fuq il-post fejn ikun ser isir l-izvilupp taghti l-ahjar possibbilta’ lil min ikun irid joggezzjona li jittendi b’dak li jkun mahsub Ghalhekk is-sottomissjoni ta’ l-esponent hija li n-nuqqas tat-twahhil ta’ l-avviz mal-post ta' l-izvilupp igib fix-xejn id-dekors tat-terminu impost kontra min joggezzjona u jintitola lill esponent biex jaghmel il-presenti appell.

Aggravju iehor konness ma’ l-istess huwa li fir-rigward ta’ l-esponent gew vjolati l-principji ta’ gustizzja naturali u ta’ smiegh xieraq billi minhahba l-inavertenza mhux kolpusa tieghu huwa gie privat kompletament mid-dritt tieghu li jaghmel oggezzjoni u li jinstema’ qabel ma tittiehed id-decizjoni. Dan ukoll imur kontra l-ligi u kontra d-drittijiet ta’ l-esponent li l-kwistjoni tigi deciza wara li hu jinstema’ fil-meritu. L-ostakolu li l-ligi tohloq fl-ghemil ta' appell billi tillimitah ghal min ikun oggezzjona ma ghandux jigi interpretat b'mod li l-individwu jigi truffat mid-dritt tieghu ta’ l-appell billi l-applikant jirnexxielu jipproduci sitwazzjoni fejn min ikun verament interessat li

joggezzjona ma jkunx jittendi bl-applikazzjoni li tkun saret. Ghalhekk f'dan is-sens is-sentenza twassal ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-esponent u hija bir-rispett zbaljata fil-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata ta' l-Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Gunju 2004 fil-kaz fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi tiddikjara l-appell ta' l-esponent validu u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord biex jisma' l-appell tieghu skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' **Joseph Farrugia** datata 21 ta Lulju 2004 a fol. 6 tal-process fejn espona:-

Illi dan l-appell huwa wiehed manifestament frivolu u vestatorju.

Illi l-esponent jidhirlu illi z-zewg aggravji ta' l-appellant johorgu mill-istess kwistjoni li trid tigi deciza minn din l-Onorabbli Qorti cioe` jekk l-appellant kellux d-dritt illi jappella quddiem il-Bord dwar l-ippjanar.

Illi din il-materja hija trattata l-aktar mod car fl-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta**. Skond dan l-artikolu l-oggezzjoni kellha issir bil-miktub u jkollha espozizzjoni motivata. Liema oggezzjoni kellha tasal ghand l-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fi *"zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-suq artikolu 4 ta' dan l-artikolu cioe` meta l-proposta ghall-izvilupp tkun pubblikata fl-istampa."*
Illi jirrizulta illi l-appellant ma ghamilx l-oggezzjoni tieghu fil-perjodu msemmi ta' hmistax-il gurnata.

Illi l-**artikolu 15 (1) ta' l-Att numru wiehed tas-sena 1992** huwa car f'dan il-kuntest *"Appell jista' jsir biss minn terza persuna li tkun ghamlet xi kummenti meta tkun giet pubblikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp'.* Dan kif gie osservat ma sarx mill-appellant.

Illi l-pubblikazzjoni ta’ din l-applikazzjoni dehret fil-gurnal The Malta Indipendent tat-18 ta’ Awissu 2001. Giet ukoll imwahhla *site notice* fuq il-post.

Illi l-oggezzjoni ta’ l-appellant kienet grossolanament tardiva.

Illi dan il-punt diga` gie trattat diversi drabi kemm mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kif ukoll minn dik l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, fl-appell, fl-ismijiet, **“Reverndu Carmelo Busuttil vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u Margaret Ellul”.** (Appell numru 310/00 deciz fil-5 ta’ Ottubru 2001). Dan l-appell tratta fid-dettal oggezzjonijiet simili ghal dawk imqajjma minn l-appellant odjern fir-rikors tieghu. Kwindi l-argumenti kollha vantati mill-appellant odjern *oltre* li huma ezawriti, jirraprezentaw il-fieragh.

Illi ghal dawn il-motivi huwa umilment mitlub sabiex dan l-appell jigi rigettat bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat ir-risposta u d-dokument hemm mehmuz tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ghar-rikors ta’ l-appell ta’ Saviour Cremona datata 1 ta’ Marzu 2005 a fol. 14 sa 17 tal-process:-

1. Illi l-appellant kien applika *"to demolish slabs of existing three rooms and re-erect same"* fis-sit Tal-Hotba L-Bajda, Salini, limiti tan-Naxxar.

2. Illi l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp cahdet din l-applikazzjoni fil-hamsa (5) ta' Mejju 1999, liema cahda kienet konfermata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'decizjoni tat-tmienja (8) ta Frar 2002.

3. Illi l-appell odjern interpost mill-applikant quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li mhuwiex qed isir minn *"punti ta' ligi decizi mill- Bord" a* tenur ta' l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att 1 ta' l-1992**. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mhijiex it-tielet istanza fejn tista' tigi kontestata kwalunkwe' decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, izda jista' jsir appell ristrett biss dwar punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord.

4. Illi in sostenn ta' din it-tezi qed jigu riferiti sentenzi ta' din il-Qorti li jikkonfermaw l-inammissibbilta' ta' dan l-appell peress li hu fuq punti kostituzzjonali, fosthom insibu ***"Ray Vella v. PA" (255/00, deciz fit-8 ta' Mejju 2003), "Jane Cini v. DCC et". (19/01 RCP, 20/01 RCP, deciza 27/3/03), "John Mary Deguara v. PA (23/01 RCP, deciza 24 ta' Marzu 2003)".***

5. Qed jinghad dan ghaliex l-appell kif interpost mill-appellant huwa motivat fuq il-punt illi huwa pprova jiggustifika l-fatt illi kien tardiv meta ghamel l-oggezzjoni tieghu bil-miktub quddiem l-Awtorita' esponenti. Huwa qed jghid ukoll illi d-drittijiet tieghu gew ippregudikati peress illi l-modalita' ta' informazzjoni ta' applikazzjoni li giet ipprezentata lill-Awtorita' ma gietx segwita. Min-naha l-ohra jghid ukoll illi l-modalita' ta' publikazzjoni fiha nifisha hija skorretta u allura qisu qed jattakka l-istess ligi li tistabbiliha.

6. Illi bir-rispett kollu, l-ebda wahda minn dawn l-aggravji ma huma gustifikabbli u dan ghal zewg ragunijiet:

i) huwa veru illi dan il-punt tqajjem quddiem il-Bord, pero' il-Bord immotiva d-decizjoni tieghu billi ra l-ligi applikabbli u rrefera ghal decizjoni li tikkristallizza d-decizjoni moghtija minnu. Illi l-**Att 1 tal-1992 fl-Artikolu 32 (4)** jistabbilixxi illi meta persuna tissottometti applikazzjoni quddiem l-Awtorita', din ghandha tigi mwahhla fuq is-sit *de quo* u ghandu jkun hemm ukoll publikazzjoni f'gazzetta lokali. It-terminu ghall-oggezzjonijiet jibda jiddekorri mid-data tal-publikazzjoni. L-appellant qatt ma qal quddiem il-Bord illi l-avviz fuq is-sit qatt ma rah kif qisu qed jghid issa. Jekk din hija l-kontestazzjoni ta' l-appellant, l-Awtorita' esponenti hija lesta li ttella' xhud taghha sabiex jikkonferma li dan effettivament sar.

ii) Illi fit-tieni lok, irid jinghad illi il-procedura ta' publikazzjoni hija wahda accettata anke' mill-istess COCP u cioe' meta persuna ma tistax tigi notifikata, il-ligi tammetti notifika bil-publikazzjoni u affissjoni. Anke' din il-procedura allura mhijiex korretta skond l-appellant. Jekk wiehed jara l-process ta' applikazzjoni, l-applikant ma jkunx

jaf min ser joggezzjona ghall-izvilupp propost minnu u ghalhekk l-unika procedura li l-ligi tista' tadotta hija dik ta' l-affissjoni u publikazzjoni. Anke' fil-procedura fil-COCP it-terminu jibda jiddekorri mid-data tal-publikazzjoni u mhix mid-data tal-affissjoni.

7. Ghaldaqstant dawn l-aggravji da parti ta' l-appellant ma humiex accettabbli u *di piu'* ghandhom sfond kostituzzjonali li ma jistax ikun mertu tal-proceduri odjerni.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tat-tnejn (2) ta' Gunju 2004 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell numru 113/03 TSC interpost mill-appellant Saviour Cremona, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tnejn (2) ta' Gunju 2004, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2005 fejn l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 21 ta' April 2005 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Ottubru 2005 u tal-1 ta' Marzu 2006 fejn dehru Profs Ian Refalo ghall-appellanti, Dr. Claire Stafrace Zammit u Ivor Robinich ghall-Kummissjoni appellata u Dr. Daniela Mangion ghall-kjamat in kawza. L-appellant ibbaza l-appell tieghu fuq **artikolu 32 (4) u (5) tal-Kap. 356.** Id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-27 ta' April 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn terz minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 2 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet **Saviour Cremona vs. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-kjamat in kawza Joseph Farrugia,** liema sentenza tinsab esebita fil-file relattiv ta' l-Awtorita', anke peress li minkejja li l-appellant jghid li qed jesebixxi l-istess decizjoni mar-rikors ta' l-appell tieghu dan fil-fatt ma sehhx tant li t-timbru tal-prezentata jghid li l-istess rikors gie prezentat fis-16 ta' Gunju 2004 bla ebda dokument.

Illi intant fl-istess decizjoni premessa tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fuq talba ghall-appell li saret quddiemu mill-Perit Martin Xuereb fil-25 ta' April 2003, inghad li l-oggezzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ta' Joseph Farrugia dwar tardivita' ta' l-appell ta' l-appellant odjern kellu jigi milqugh peress li jirrizulta li l-applikazzjoni ta' Joseph Farrugia Numru 1880/01 irrizultat li giet ippublikata fil-gazzetta "*The Malta Independent"* fit-18 ta' Awissu 2001 u ladarba l-appellant qatt ma ressaq oggezzjoni ghall-istess propost zvilupp, u fil-fatt l-oggezzjoni qatt ma saret fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356** u cjoe' fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fl-**artikolu 32 (4) tal-Kap 356,** mela allura l-istess appell kien sar tardivament, ghaliex l-istess decizjoni mxiet fuq l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Margaret Ellul"** (A.C. (JSP) (JAA) (JDC) - 5 ta' Ottubru 2001 – Appell Nru. 310/00) fejn inghad li tali terminu kellu jibda jiddekorri mid-data ta' pubblikazzjoni ta' l-avviz fl-istampa lokali u mhux mid-data li fiha tkun imwahhla *s-site notice.*

Illi l-appellant odjern qed isostni li tali decizjoni hija legalment zbaljata peress li tali terminu kellu jghaddi biss wara li ssir il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali u wkoll li jitwahhal l-avviz fuq il-post, u la darba skond huwa l-avviz fuq il-post qatt ma twahhal mela allura t-terminu indikat fl-

**artikolu 32 (5) tal-Kap 356** qatt ma’ beda jiddekori. Jghid li l-**artikolu 32 (5)** kellu jibda jsehh biss wara li jsir dak kollu indikat fl-**artikoku 32 (4)** u *“ghalhekk is-sottomissjoni tal-esponent hija li n-nuqqas tat-twahhil tal-avviz mal-post ta’ zvilupp igib fix-xejn d-dekors tat-terminu mpost kontra min joggezzjona u jintitola lill-esponenti biex jaghmel dan l-appell”;* din fil-fatt hija s-sottomissjoni medessima li l-istess appellant ghamel fin-nota ta’ l-osservazjonijiet tieghu quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fejn hemm qal li tali terminu kellu jghaddi biss wara li ssir il-pubblikazzjoni kemm fil-gazzetta lokali u wkoll fuq s-sit tal-propost zvilupp u *“dan ghaliex ma huwiex evidentement facili li wiehed jsir jaf b’applikazzjoni mill-gazzetti”.*

Illi minhabba f’hekk l-istess esponent qed jghid li ma kellux smiegh xieraq u dan peress li ghar-ragunijiet li ma jahtix ghalihom huwa, huwa ma’ giex moghti d-dritt li jaghmel oggezzjoni u li jinstema’ qabel ma’ titiehed decizjoni. Huwa jghid hekk li:-

*“Dan ukoll imur kontra l-ligi u kontra d-drittijiet ta’ l-esponent li l-kwistjoni tigi deciza wara li hu jinstema’ fil-meritu. L-ostakolu li l-ligi tohloq fl-ghemil ta' appell billi tillimitah ghal min ikun oggezzjona ma ghandux jigi interpretat b'mod li l-individwu jigi truffat mid-dritt tieghu ta’ l-appell billi l-applikant jirnexxielu jipproduci sitwazzjoni fejn min ikun verament interessat li joggezzjona ma jkunx jittendi bl-applikazzjoni li tkun saret. Ghalhekk f’dan is-sens is-sentenza twassal ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet ta’ l-esponent u hija bir-rispett zbaljata fil-ligi”.*

Illi dwar l-ewwel aggravju ma hemm l-ebda dubju li l-punt gie deciz fis-sentenza citata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza **“Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u Margaret Ellul”** tal-5 ta’ Ottubru 2001 fejn gie ndikat li t-terminu ta’ hmistax-il gurnata sabiex issir oggezzjoni minn terz ghall-applikazzjoni ta’ zvilupp kellu jghaddi mid-data meta l-istess applikazzjoni tigi ppubblikata fl-istampa lokali.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza saret distinzjoni bejn il-kliem li jintuza fl-**artikolu 32 (4)** u cjoe' rabta tal-verb “jigu pubblikati” mal-kliem “l-istampa lokali”, u l-verb “imxandra” mal-kliem “b'avviz fuq il-post” cioe' is-*site notice.*

Illi l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:-

*“Wiehed jinnota li meta gie ghas-sub-inciz (5) il-legislatur uza biss il-kelma “pubblikazzjoni” u ma ghamel l-ebda riferenza ghall-kelma “xandir”. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ikkonforta l-interpretazzjoni li wasal ghaliha l-Bord meta qal li t-terminu perentorju ghall-oggezzjoni tat-terzi persuni ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviz fl-istampa lokali u mhux mid-data li fiha tkun imwahhla s-site notice”.*

*“Il-Qorti tahseb li l-legislatur kellu skop preciz meta uza unikament il-kelma “pubblikazzjoni”, biex jaghti hjiel li t-terminu imsemmi kellu jibda jiddekorri minn din id-data tal-pubblikazzjoni fl-istampa lokali. B'dan il-mod il-legislatur wera li ried jevita hafna incertezzi u litigazzjonijiet bla bzonn derivanti mill-fatt li d-data tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali tista' ferm aktar facilment tigi pprovata u accertata milli qatt tista' tkun d-data tat-twahhil tas-site notice. Kieku t-terminu in kwistjoni kellu jkun marbut mad-data tat-twahhil tas-site notice fuq il-post, kieku kien ikun necessarju li ssir il-prova wkoll li matul dan it-terminu kollu, l-istess avviz baqa' dejjem imwahhal fuq il-post. M'ghandhiex xi nghidu li din il-prova hija prova li tista' tohloq diffikultajiet kbar u jista' jkun hemm lok ghall-abbuz da parti ta' persuna interessata li tkun intenzjonata li ttawwal it-terminu perentorju ta' 15-il gurnata b'mezzi mhux konvenzjonali jekk mhux ukoll illegali, billi per ezempju, tara li dak l-avviz jigi maqlugh minn fejn twahhal”.*

*“….Infatti l-legislatur jidher li ried jassigura li t-terminu perentorju msemmi fis-subinciz (5) ma jkunx wiehed difficilment accertabbli, izda ried invece, li dan it-terminu jkun wiehed li jista' facilment jigi identifikat b'certezza –*

*vantagg dan li eminentement huwa ta' utilita' kbira ghall-kulhadd".*

Illi din is-sentenza hija cara hafna u din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-istess interpretazzjoni u la darba l-appellant ma ghamel l-ebda oggezzjoni fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 (5)** u ladarba allura ma huwiex *"terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32 (5) meta tigi applikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp"* skond l-**artikolu 15 (1) (d) (i) tal-Kap 356** mela allura l-ewwel aggravju ta' l-appellanti odjern huwa kompletament bla ebda bazi legali. Bhala fatt jirrizulta li l-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali saret fit-18 ta' Awissu 2001 u l-unika kumment bil-miktub li sar mill-appellant odjern kien biss dak ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-25 ta' April 2003, certament appell tardiv skond id-disposizzjonijiet fuq indikati.

Illi dwar il-punt jekk sehhx l-avviz fuq is-sit preskritt fl-**artikolu 32 (4)** din hija kwistjoni ta' fatt; fatt li mhux kompetenza ta' din il-Qorti ghalkemm jidher li dwar dan, l-istess appellant qatt ma kien cert, tant li huwa stess jghid fl-affidavit tieghu datat 19 ta' Jannar 2004 li *"ghandi suspett qawwi li dina jew ma' twahhlitx jew twahhlet u nqalghet minnufih".* Dan bl-ebda mod ma jfisser li dan gie ppruvat – anzi jidher car li l-istess appellant stess lanqas huwa cert dwar dan. Fi kwalunkwe kaz dan ma huwiex punt ta' dritt, izda wiehed ta' fatt, u dan bl-ebda mod ma jimpingi fuq l-interpretazzjoni korretta li ta l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta' l-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356.**

Illi dwar l-ahhar aggravju jidher car li dan huwa wkoll bla bazi u dan peress kien l-istess appellant innifsu li naqas li jressaq l-opposizzjoni tieghu bil-miktub fit-terminu moghti mill-ligi u dan jammettih huwa stess meta jghid li huwa ma ghamel l-ebda oggezzjoni fit-terminu ndikat ta' hmistax-il gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-istess applikazzjoni fil-gazzetta lokali ghaliex ma ndunax biha u dan ghaliex huwa ma jaqrax din il-gazzetta; fid-dawl ta' dan ma jistax jinghad li l-istess appellanti ma kellux smiegh xieraq u lanqas jista' jinghad li hemm xi artikolu li jostakola li jsir smiegh xieraq. F'dan il-kuntest anzi jidher li

l-istess appellant inghata smiegh xieraq mill-Bord ta’ l-Appell li izda sab li l-istess appellant ma osservax huwa stess il-procedura stabbilita mill-ligi – procedura li huwa ma jaqbilx maghha, izda li huwa kien tenut isegwi u b’nuqqas tieghu ma segwiex. Jidher ghalhekk li bil-kontra ta’ dak li huwa stess qed jghid fir-rikors tieghu l-agir tieghu kien proprju wiehed kolpuz, u kien l-agir tieghu li ovvjament ippregudika l-posizzjoni tieghu ghaliex ma agixxiex tempestivament, izda qed jagixxi hafna u hafna tard. Ma hemm lanqas ebda prova li l-ligi hija b’xi mod leviza ta’ xi dritt kostuzzjonali koncernanti d-drittijiet fundamentali ta’ smiegh xieraq, anzi jidher biss li l-appellant bl-agir tieghu ppregudika l-posizzjoni tieghu ghaliex ma agixxiex skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-appell ta’ l-appellanti Saviour Cremona qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-appellat Joseph Farrugia fir-risposta tieghu datata 21 ta’ Lulju 2003 u tilqa’ wkoll l-oggezzjonijiet ghal dan l-appell mill-Kummissjoni appellata kif kontenut fil-hames u s-sitt paragrafu tar-risposta ta’ l-appell ta’ l-istess, datata l-1 ta’ Marzu 2005 u kwantu l-istess hija kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell ta’ Saviour Cremona fir-rikors tieghu datat 16 ta’ Gunju 2004** *stante* li l-istess appell huwa nfondat u bla bazi ghar-ragunijiet fuq premessi u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar datata t-2 ta’ Gunju 2004 fl-ismijiet **“Saviour Cremona vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-kjamat in kawza Joseph Farrugia”** indikata f’dawn l-atti processwali.

Illi l-ispejjez ta’ din id-decizjoni jibqghu a karigu ta’ l-appellant Saviour Cremona.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------